



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14455/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0329 (NLE)

TRANS 687
COWEB 143
ELARG 95

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-emendar tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, tar-Regolamenti tal-Persunal, u fir-rigward tal-introduzzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u tar-regoli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim għas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-emendar tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, tar-Regolamenti tal-Persunal, u fir-rigward tal-introduzzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u tar-regoli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim għas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (it-“TCT”) ġie ffirmat mill-Unjoni f’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937¹.
- (2) It-TCT ġie approvat f’isem l-Unjoni fl-4 ta’ Marzu 2019² u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Mejju 2019.
- (3) Il-Kumitat ta’ Tmexxija Reġjonali ġie stabbilit mit-TCT għall-amministrazzjoni u għall-implimentazzjoni tajba tat-TCT.
- (4) L-Artikolu 24(5) tat-TCT jipprevedi li l-Kumitat ta’ Tmexxija Reġjonali għandu jadotta r-regoli ta’ proċedura tiegħu. Barra minn hekk, l-Artikolu 30 tat-TCT jipprevedi li għandu jistabbilixxi r-regoli tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937 tal-11 ta’ Lulju 2017 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, ĠU L 278 (27.10.2017, p. 1).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 tal-4 ta’ Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 71, 13.3.2019, p. 1).

- (5) Huwa previst li l-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali jadotta deċiżjoni li temenda r-regoli ta' proċedura tiegħu, sabiex jipprevedi limitu ta' żmien iqsar għad-distribuzzjoni tal-abbozz tal-aġenda u ta' kwalunkwe dokument relatat qabel laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, deċiżjoni li tadotta r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u r-regoli għas-soluzzjoni tat-tilwim applikabbli għas-Segretarjat Permanenti, biex jirregolaw il-każijiet ta' tilwim bejn is-Segretarjat Permanenti u l-membri tal-persunal tiegħu, u deċiżjoni dwar l-emendi għar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport meħtieġa mill-adozzjoni ta' dawk ir-regoli.
- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali rigward l-adozzjoni ta' dawk id-deċiżjonijiet billi huma neċessarji għall-funzjonament bla xkiel tas-Segretarjat Permanenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f' isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-emendar tar-regoli ta' proċedura tiegħu, ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u r-regoli dwar is-soluzzjoni tat-tilwim għas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, u l-emendi għar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Tibdiliet minuri fl-abbozzi tad-deċiżjonijiet jistgħu jiġu maqbuli mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President